MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1155/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**

**VS**

**Anthony McKay detentur tal-karta tal-identita' numru 267270M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Anthony McKay** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-8 ta' Settembru, 2010, ghall-habta ta' 03.30hrs, gewwa Triq is-Santwarju, Zabbar, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara f'vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABO353 ta' ghamla Mitsubishi Pajero, liema hsarat huma ta' aktar minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u anqas minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), ghad-dannu ta' Brian Buhagiar;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Brian Buhagiar, skont kif iccertifika Dr Silvio Grixti mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
4. U aktar talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ghal erba' (4) snin moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Lawrence Quintano LL.D., fl-4 ta' Ottubru, 2007;
5. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat ukoll illi l-imputat, barra li ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji, moghti l-kunsens ghalhekk minghand l-Avukat Generali, wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Semghet lill-**<u>Ispettur u lil PS 91 Buttigieg</u>** jixhdu fuq ir-rapporti tal-incident li rcevew minghand il-kwerelanti. Rat ukoll illi l-Ispettur ezebixxa l-istqarrija tal-imputat, kif ukoll l-

istima tal-hsara sofferta fuq il-vettura Dok FF1, folio 24 ghall-ammont ta’ mitejn u dsatax-il Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€219.48).

Rat ukoll illi **Dr Kris Busietta** ghall-parte civile Alan Gatt u Brian Buhagiar irrinunzja ghal dak kollu li kien rinunzjabbli, stante li d-divergenzi bejn il-partijiet kienu gew solvuti u li ma kellhomx iktar interess fil-proceduri krimiali. Gatt kif ukoll Buhagiar ghazlu biex ma jinkriminawx lilhom infushom illi ma jixhdux.

Ezaminat bir-reqqa dak mistqarr mill-imputat fl-istqarrija. Rat ukoll illi ebda prova ohra ma tressqet, ghajr ghall-PIRS report tal-incident maghmul minn Brian Buhagiar, Samantha Bongailas, u Alan Gatt.

Da parti tieghu fl-istqarrija l-imputat spjega li hu kien, waqt li kienu qeghdin jixorbu hu u Brian, ghajjar lit-tfajla ta’ Alan (li maghhom hu ma kellux grazzja), li kienet kerha u li dejqitu. Qabdet din u telqet ‘il barra. Qal illi Brian beda jgerger u jissuppervja u telaq ‘il barra wkoll. Tah ic-cavetta tad-dar tieghu mil-Pajero ghax l-imputat kien ma’ martu. Mar ma’ dan fil-Pajero lejn Haz Zabbar fejn kienu qed jixorbu. Marret ghalhekk ghalih ohtu. Qal illi cempilllu Brian u beda jiccelingjah ghall-glied, jghajru pufta u skoss theddid. Qal illi ghaddew minn hdejn il-momumenet ta’ Agatha Barbara u raw lil Brian ipparkjat, mieghu kellu lil Alan u lill-gharusa tieghu. Waqaf jistaqsi lil Brian ghalfejn kien qed jghidlu dak id-diskors meta kien xeba’ jaqbadlu mal-mara. Qal illi Brian, ghax skont l-imputat dan haseb li kien sejjer ghalih, qabad martell li kien izomm fil-karozza, u Brian qabad jaghti lill-imputat bil-martell. Qal l-imputat illi qala’ minghandu xi tliet daqqiet. Zied l-imputat illi Alan tah ukoll daqqa ta’ ponn tal-

hadid, mentri t-tfajla ta' Alan marret taghti lil ohtu li din bdiet tghajjat li kienu ser joqtluh. Qal "*……jiena meta kont mugugh qomt minn mal-art, dort mal-Pajero tieghu u tajt daqqa fuq il-bonnet tal-Pajero u tlaqna. Ic-cwievet u l-mobile waqughli u l-ghada Brian tani c-cwievet.*", folio 23. Qal illi fuq il-Pajero ta daqqa wahda u li anke cempel lil Brian, lil Alan u lit-tfajla tieghu meta kien l-Isptar. Baqa' minghajr il-mobile.

Ikkunsidrat:

Illi taqbel mad-Difiza fl-ewwel lok li t-tieni akkuza hija estinta in kwantu hemm ir-rinunzja.

Rat ukoll illi ghajr ghall-fedina penali li certament mhix l-ahjar prova dwar dan, ma giet ezebita Lilha ebda sentenza dwar il-ksur tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta, allura tqis illi tali addebitu ma giex pruvat.

Certament jirrizultalha mill-istqarrija zewg fatturi: ex admissis li sar konfront bejn l-imputat u l-parte civile u d-danni fuq il-bonnet. Mela giet fl-opinjoni ta' din il-Qorti, pruvata l-alterazzjoni bejn il-partijiet. Dan jikkostitwixxi, la grat fit-triq, ksur tal-paci pubblika ai termini tal-Artikolu 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ex admissis kif jirrizulta mill-istqarrija, McKay jammetti li kkaguna danni fuq il-bonnet, danni li jidher li gew pacuti stante r-rinunzja. Id-Difiza fit-trattazzjoni taghha ssottomettiet li dawn kienu hekk kagunati nvolontarjament in kwantu ghall-ugiegh li sofra l-imputat, meta gie aggredit bil-katina u malocc. Fil-fatt mit-trattazzjoni biss hemm hjiel tal-griehi sofferti mill-imputat f'dan l-attakk: ksur ta' idejn. Ghalhekk l-

Avukat Difensur issottometta li hawn qeghdin fir-relm tal-involontarju, "*culpa*", ghaliex id-daqqa McKay taha fuq il-bonnet kagun tal-ugiegh.

L-unika kumment illi hawn tista' tghid il-Qorti, illi ugiegh ta' ksur qajla jista' jiggustifika daqqa tant kbira ta' ponn fuq il-bonnet li anke jaghmillu l-hsara. Id-Difiza tghid li dan kien agir involontarju minhabba l-ugiegh, qisu fis-sahna tal-mument. Fil-fehma tal-Qorti qajla dan id-dannu jista' jinghad illi hu fis-sahna tal-mument, minhabba l-ugiegh soffert meta l-istess McKay jghid illi hu verament kien mugugh, pero x'hin qam dar mal-Pajero u tah daqqa ta' ponn fuq il-bonnet. Car allura li fil-fatt hawn, ghalkemm certament mugugh, pero din l-azzjoni tad-danni ma gratx immedjatament mal-azzjoni kif gie aggredit. Lanqas ma jirrizulta li l-imputat kien, minhabba l-ugiegh, inkapaci li jirrifletti fuq azzjonijietu – ghaldaqstant issibu hati ta' danni volontarji u tal-ksur tal-bon ordni u dan wara li rat l-Artikoli 325, 338 u kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat illi l-partijiet jidhru li rrangaw id-differenzi ta' bejniethom; rat il-fedina penali tal-imputat, assai ikkulurita; qieset illi ma setghetx tiehu konjizzjoni, ghar-ragunijiet suriferiti, tal-ksur tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; qieset illi fil-fatt l-imputat gie brutalment aggredit qabel ma hu rreagixxa bil-mod mertu tal-akkuza, ghaldaqstant tqis illi hu m'ghandux ibaghti piena karcerarjra effettiva u qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sena (1), wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tilliberah in kwantu ghall-akkuzi estinti jew li ma gewx pruvati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------